MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 248/2011

**L-Avukat Dottor Cedric Mifsud (ID196979M) a nom u in raprezentanza tas-socjeta` estera Magellan Management & Consulting S.A. ta` 81/83 Zone d'activites de Capellen L-8308 Capellen, Lussemburgu**

***kontra***

**Javelin Marine Limited (C48866)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-11 ta` Marzu 2011 ai termini tal-Art.167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` konvenuta hija proprjetarja tal-bastiment M/V Javelin li hija registrata f`Antigua & Barbuda ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici kienet inkarigata mis-socjeta` konvenuta sabiex trendi servizzi amministrattivi lil bastiment M/V Javelin. Illi minn Gunju tas-sena elfejn u ghaxra sa Novembru ta` l-istess sena s-socjeta` attrici prestit diversi servizzi fosthom servizzi regolari ta` amministrazzjoni ma`awtoritajiet marittimi lokali u barranin ;*

*3. Illi llum is-socjeta` attrici hija dovuta somma komplessiva ta` sitta u ghoxrin elf u hames mitt Euro (€26,500) liema somma hija rapprezentanti ta` tliet fatturi differenti li huma s-segwent i:*

*(a) Fattura bin-numru MMC 2010 06 033 datata 2 ta` Gunju 2010 ghall-ammont ta` hdax-il elf Euro (€11,000), hawnhekk immarkata bhala Dok. 'A' ;*

*(b) Fattura bin-numru MMC 2010 07 008 datata 31 ta` Lulju 2010 ghall-ammont ta` ghaxart elf u hames mitt Euro, hawnhekk immarkata bhala Dok. 'B' ;*

*(c) Fattura bin-numru MMC 2010 11 009 datata 4 ta` Novembru 2010 ghall-ammont ta` hamest elf Euro, hawnhekk immarkata bhala Dok. 'C';*

*4. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet sabiex isir il-hlas tal-fatturi hawn fuq imsemmijin is-socjeta` Javelin Limited baqghet inadempjenti. Ghalhekk l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti ghat-talba li qed isirilha;*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex -*

*1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta` rikorrenti bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` sitta u ghoxrin elf u hames mitt Euro (€26,500), liema ammont huwa dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra s-socjeta` intimata li tibqa` ngunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent nomine u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija intimata skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza li saret nhar it-Tlieta 12 ta` April 2011 fid-9.00 a.m., il-kumpannija intimata ma dehritx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lir-rikorrent nomine l-ammont minnha dovut ta’ sitta u ghoxrin elf u hames mitt Euro (€26,500).**

**3. Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------